SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla)

8 ta' Ġunju 2017*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Agrikoltura — Tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti — Direttiva 2008/69/KE — Artikolu 3(2) — Proċedura ta' evalwazzjoni, mill-Istat Membri, il-prodotti dwar il-protezzjoni tal-pjanti awtorizzati — Terminu — Diverġenza bejn il-verżjonijiet lingwistiċi"

Fil-Kawża C-293/16,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunal Supremo (qorti suprema, Spanja), permezz ta' deċiżjoni tal-5 ta' Mejju 2016, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-25 ta' Mejju 2016, fil-proċedura

Sharda Europe BVBA

vs

Administración del Estado,

Syngenta Agro SA,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla),

komposta minn E. Juhász, President ta' Awla, C. Vajda u C. Lycourgos (Relatur) imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Gvern Spanjol, minn A. Sampol Pucurull, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn I. Galindo Martín u F. Moro, bħala aġenti,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/69/KE ta' l-1 ta' Lulju 2008 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE biex tinkludi l-clofentezine, dicamba, difenoconazole, diflubenzuron, imazaquin, lenacil, oxadiazon, picloram u pyriproxyfen bħala sustanzi attivi (ĠU 2008, L 172, p. 9).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Sharda Europe BVBA (iktar 'il quddiem "Sharda") u Syngenta Agro SA (iktar 'il quddiem "Syngenta") dwar proċedura ta' evalwazzjoni tal-użu ta' prodott għall-protezzjoni irreġistrat f'isem Sharda.

Il-kuntest ġuridiku

Id-Direttiva 2008/66/KE

3 L-Artikolu 3(2) tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/66/KE tat-30 ta' Ġunju 2008 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE biex tinkludi l-bifenox, id-diflufenican, il-fenoxaprop-P, il-fenpropidin u l-quinoclamine bħala sustanzi attivi (ĠU 2008, L 171, p. 9) jipprevedi:

"B'deroga mill-paragrafu 1, għal kull prodott awtorizzat għall-ħarsien tal-pjanti li fih il-bifenox, id-diflufenican, il-fenoxaprop-P, il-fenpropidin u l-quinoclamine jew bħala l-unika sustanza attiva jew bħala waħda minn diversi sustanzi attivi li kollha kemm huma ġew elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE [ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 11, p. 332] mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2008, l-Istati Membri għandhom jevalwaw mill-ġdid il-prodott skond il-prinċipji uniformi stipulati fl-Anness VI tad-Direttiva 91/414/KEE, fuq il-bażi ta' dossjer li jissodisfa r-rekwiżiti ta' l-Anness III ta' dik id-Direttiva u billi titqies il-parti B ta' l-annotazzjoni fl-Anness I għat-tali Direttiva dwar il-bifenox, id-diflufenican, il-fenoxaprop-P, il-fenpropidin u l-quinoclamine rispettivament. Fuq il-bażi ta' din l-evalwazzjoni, għandhom jistabbilixxu jekk il-prodott jissodisfax il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4(1)(b), (ċ), (d) u (e) tad-Direttiva 91/414/KEE.

[…]"

Id-Direttiva 2008/69

4 Il-premessa 7 tad-Direttiva 2008/69 tipprevedi:

"Mingħajr preġudizzju għall-obbligi definiti bid-Direttiva 91/414/KEE bħala konsegwenza ta' l-inklużjoni ta' sustanza attiva fl-Anness I, l-Istati Membri għandhom jingħataw perjodu ta' sitt xhur wara l-inklużjoni biex jagħmlu reviżjoni ta' awtorizzazjonijiet eżistenti ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanzi attivi mniżżla fl-Anness biex jiżguraw li r-rekwiżiti stabbiliti bid-Direttiva 91/414/KEE, b'mod partikolari fl-Artikolu 13 tagħha u l-kundizzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Anness I, huma ssodisfati. L-Istati Membri għandhom ivarjaw, jibdlu jew jirrifjutaw, kif xieraq, awtorizzazzjonijiet eżistenti, skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/414/KEE. B'deroga mill-iskadenza t'hawn fuq, għandu jkun ipprovdut perjodu itwal għall-preżentazzjoni u l-valutazzjoni tad-fajl komplut ta' l-Anness III għal kull prodott għall-protezzjoni tal-pjanti għal kull użu intenzjonat skond il-prinċipji uniformi stipulati fid-Direttiva 91/414/KEE."

5 L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/69 jipprevedi:

"1. L-Istati Membri għandhom f'konformità mad-Direttiva 91/414/KEE, fejn hu meħtieġ, jemendaw jew jirtiraw awtorizzazzjonijiet eżistenti għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanzi attivi mniżżla fl-Anness bħala sustanzi attivi sat-30 ta' Ġunju 2009.

Sa dik id-data huma għandhom b'mod partikolari jivverifikaw li l-kundizzjonijiet fl-Anness I għal dik id-Direttiva dwar is-sustanzi attivi mniżżla fl-Anness jiġu ssodisfatti, bl-eċċezzjoni ta' dawk identifikati fil-parti B tal-annotazzjoni li tirrigwarda dik is-sustanza attiva, u li d-detenturi tal-awtorizzazzjonijiet jkollhom, jew ikollhom aċċess għal, fajls li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Anness II għal dik id-Direttiva skont il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 13 ta' dik id-Direttiva.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, għal kull prodott awtorizzat għall-protezzjoni tal-pjanti li fih wieħed mis-sutanzi attivi mniżżla fl-Anness jew bħala l-unika sustanza attiva jew bħala wieħed mill-ħafna sustanzi attivi li kollha kienu mniżżla fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2008, l-Istati Membri għandhom jerġgħu jevalwaw il-prodott skond il-prinċipji uniformi pprovduti fl-Anness VI tad-Direttiva 91/414/KEE, fuq il-bażi ta' fajl li jissodisfa r-rekwiżiti ta' l-Anness III għal dik id-Direttiva u li jikkunsidra l-parti B tar-reġistrazzjoni fl-Anness I għal dik id-Direttiva dwar is-sustanzi attivi mniżżla fl-Anness. Fuq il-bażi ta' dik l-evalwazzjoni, huma għandhom jiddeterminaw jekk il-prodott jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1)(b), (c), (d) u (e) tad-Direttiva 91/414/KEE.

[…]"

Id-Direttiva 2008/70/KE

6 L-Artikolu 3(2) tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/70/KE tal-11 ta' Lulju 2008 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE biex jiġi inkluż it-tritosulfuron bħala sustanza attiva (ĠU 2008, L 185 p. 40), jipprevedi:

"B'deroga mill-paragrafu 1, għal kull prodott awtorizzat għall-ħarsien tal-pjanti li fih it-tritosulfuron bħala l-unika sustanza attiva jew inkella bħala waħda minn bosta sustanzi attivi li huma kollha elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 2008, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw mill-ġdid il-prodott skond il-prinċipji uniformi previsti fl-Anness VI tad-Direttiva 91/414/KEE, fuq il-bażi ta' fajl li jissodisfa r-rekwiżiti ta' l-Anness III ta' din id-Direttiva u billi titqies il-parti B ta' l-annotazzjoni fl-Anness I ta' din id-Direttiva li tikkonċerna t-tritosulfuron. Fuq il-bażi ta' din il-valutazzjoni, huma għandhom jistabbilixxu jekk il-prodott jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1)(b), (c), (d) u (e) tad-Direttiva 91/414/KEE

[…]".

Id-Direttiva 2010/28/UE

7 L-Artikolu 3(2), tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/28/UE tat-23 ta' April 2010 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE għall-inklużjoni tal-metalaxyl bħala sustanza attiva (ĠU 2010, L 104 p. 57), jipprevedi:

"B'deroga mill-paragrafu 1, għal kull prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li fih il-metalaxyl bħala l-unika sustanza attiva jew inkella bħala waħda minn bosta sustanzi attivi li jiġu kollha elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2010, l-Istati Membri għandhom jerġgħu jivvalutaw il-prodott skont il-prinċipji uniformi stipulati fl-Anness VI tad-Direttiva 91/414/KEE, fuq il-bażi ta' fajl li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness III ta' dik id-Direttiva u billi titqies il-parti B tal-annotazzjoni fl-Anness I ta' dik id-Direttiva li tikkonċerna l-metalaxyl. Fuq il-bażi ta' dik il-valutazzjoni, għandhom jiddeterminaw jekk il-prodott jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1)(b), (c), (d) u (e) tad-Direttiva 91/414/KEE.

[…]"

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

8 Fl-14 ta' Jannar 2009, Sharda ressqet, skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/69, talba għal eżami mill-ġdid tal-awtorizzazzjoni mogħtija għat-tqegħid fis-suq tal-prodott fitofarmaċewtiku "Core", li fih il-difenoconazole, waħda mis-sustanzi attivi li jissemmew fl-anness ta' din id-direttiva. Din it-talba ġiet milqugħa mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

9 Syngenta ppreżentat rikors amministrattiv quddiem is-Secretaría General Técnica del Ministerio de Medio Ambiente, Rural y Marino (segretarjat ġenerali tal-ministeru tal-ambjent u l-qasam rurali u tal-baħar, Spanja), intiż għall-irtirar tal-awtorizzazzjoni maħruġa għall-prodott fitofarmaċewtiku "Core". Skont Syngenta, it-talba għal eżami mill-ġdid ta' dan il-prodott kienet ġiet imressqa wara l-31 ta' Diċembru 2008, id-data finali, skont Syngenta, sabiex titressaq din it-talba ta' eżami mill-ġdid, konformement mal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/69. Permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Jannar 2011, l-imsemmi segretarjat ġenerali ċaħad dan ir-rikors.

10 Syngenta ippreżentat rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal Superior de Justicia de Madrid (qorti superjuri tal-ġustizzja ta' Madrid, Spanja), li, permezz ta' sentenza tal-25 ta' Ottubru 2013, annullat il-proċedura ta' evalwazzjoni tal-prodott fitofarmaċewtiku "Core", abbażi tal-fatt li t-talba għal evalwazzjoni mill-ġdid kienet tressqet barra mit-terminu stabbilit mill-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/69.

11 Sharda ippreżentat appell minn din is-sentenza quddiem it-Tribunal Supremo (qorti suprema, Spanja), billi sostna li d-data msemmija f'dan l-Artikolu 3(2), ma tipprekludix it-tressiq ta' talbiet għal evalwazzjoni mill-ġdid wara l-31 ta' Diċembru 2008.

12 Syngenta sostniet li, peress li l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/69 jikkostitwixxi dispożizzjoni mandatorja li ma tistax tiġi interpretata mod ieħor, it-talba għal evalwazzjoni mill-ġdid imressqa minn Sharda fl-14 ta' Jannar 2009, jiġifieri wara d-data finali prevista minn din id-dispożizzjoni, ma kellhom qatt jingħataw.

13 Il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li huwa neċessarju, sabiex tirriżolvi t-tilwima li ġiet adita biha, li tiddetermina jekk it-terminu msemmi fl-imsemmi Artikolu 3(2) huwiex terminu perentorju, jew huwiex terminu li jista' jiġi pprorogat mill-Istat Membri, għal raġunijiet oġġettivi ta' forza maġġuri jew konformement għad-dritt intern tagħhom.

14 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunal Supremo (qorti suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u tagħmel id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Peress li teżisti diverġenza bejn id-diversi verżjonijiet lingwistiċi tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva [2008/69], tal-1 ta' Lulju 2008, kif ukoll possibbli kontradizzjoni mal-premessa 7 tad-Direttiva qed isiru s-segwenti domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja: Id-data tal-31 ta' Diċembru 2008 stabbilita fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/69/KE, tal-1 ta' Lulju 2008, fil-verżjoni Spanjola tagħha, hija d-data ta' skadenza tat-terminu massimu li l-Istati Membri għandhom sabiex iwettqu evalwazzjoni mill-ġdid, jew hija d-data massima għall-inkluzjoni fil-lista tal-Anness I tad-Direttiva [91/414], tas-sustanzi attivi li għandhom ikunu s-suġġett ta' evalwazzjoni mill-ġdid, jew inkella hija l-aħħar ġurnata għall-preżentazzjoni tat-talba għal inklużjoni korrispondenti?

2) L-espressjoni 'mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2008', li tinsab fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/69/KE tipprevedi terminu perentorju minħabba l-għan protett mis-sistema li tirriżulta mid-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE, tal-15 ta' Lulju 1991, u tipprekludi lill-Istati Membri milli jestenduh u milli jistabbilixxu data limitu li tiġi wara dik prevista fid-Direttiva [2008/69]?

3) Jekk jitqies li dan it-terminu jista' jiġi estiż, din l-estensjoni għandha tkun għal raġunijiet oġġettivi ta' forża maġġuri jew, fid-dawl tal-indikazzjonijiet tal-Artikolu 3 indirizzati lill-Istati Membri, dan ifisser li dawn jistgħu jestenduh, konformement mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, skont il-każ u l-kundizzjonijiet li din tipprevedi?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

15 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/69 għandu jiġi interpretat fis-sens li d-data tal-31 ta' Diċembru 2008 li huwa jipprevedi tikkorrispondix, għal prodott fitofarmaċewtiku diġà awtorizzat, li fih waħda mis-sustanzi attivi msemmija fl-anness ta' din id-direttiva, għal terminu li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom l-Istati Membri sabiex iwettqu l-eżami mill-ġdid, previst f'dan l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(2) ta' dawn il-prodotti fitofarmaċewtiċi, jew għal terminu sabiex titressaq it-talba għal evalwazzjoni mill-ġdid korrispondenti, jew inkella għal data finali li fiha kellhom jiġu rreġistrati, fil-lista li tissemma fl-Anness I tad-Direttiva 91/414, is-sustanzi attivi kollha li jinsabu f'dan il-prodott fitofarmaċewtiku, li ma humiex dawk elenkati fl-anness tad-Direttiva 2008/69, sabiex jinħoloq obbligu sabiex titwettaq evalwazzjoni mill-ġdid tal-imsemmi prodott.

16 L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/69, li qed tintalab interpretazzjoni tiegħu, jipprevedi li "għal kull prodott awtorizzat għall-protezzjoni tal-pjanti li fih wieħed mis-sutanzi attivi mniżżla fl-Anness jew bħala l-unika sustanza attiva jew bħala wieħed mill-ħafna sustanzi attivi li kollha kienu mniżżla fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2008, l-Istati Membri għandhom jerġgħu jevalwaw il-prodott skond il-prinċipji uniformi pprovduti fl-Anness VI tad-Direttiva 91/414/KEE".

17 Kif semmiet il-qorti tar-rinviju, għandu jiġi kkonstatat li teżisti diskrepanza bejn il-kliem tal-verżjoni bil-lingwa Spanjola tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/69 u dak ta' verżjonijiet lingwistiċi oħra.

18 Fil-fatt, il-verżjoni bil-lingwa Spanjola ta' din id-dispożizzjoni, skont liema "todo producto fitosanitario autorizado […] será objeto de una nueva evaluación, a más tardar, el 31 de diciembre de 2008 […]", tidher twassal għal interpretazzjoni skont liema d-data tal-31 ta' Diċembru 2008 tikkostitwixxi terminu massimu li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom l-Istati Membri sabiex iwettqu evalwazzjoni mill-ġdid, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, ta' kull prodott fitofarmaċewtiku awtorizzat li fih waħda mis-sustanzi attivi msemmija fl-anness ta' din id-direttiva, bħala sustanza attiva l-unika sustanza attiva jew inkella bħala waħda minn bosta sustanzi attivi li lkoll huma elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 91/414.

19 Il-verżjonijiet tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/69 fil-lingwi Ġermaniża ("die sämtlich bis spätestens 31 Dezember 2008 in Anhang I der Richtlinie 91/414/EWG aufgeführt waren"), Ingliża ("all of which were listed in Annex I to Directive 91/414/EEC by 31 December 2008 at the latest") u Franċiża ("[…]toutes inscrites à l'annexe I de la directive 91/414/CEE au plus tard le 31 décembre 2008") iwasslu min-naħa l-oħra għal interpretazzjoni skont liema d-data tal-31 ta' Diċembru 2008 tirreferi għall-elenkar tas-sustanzi attivi li jinsabu fil-prodott fitofarmaċewtiku awtorizzat li għandu jkun suġġett għal evalwazzjoni mill-ġdid mill-Istat Membri, konformement mal-preskrizzjonijiet tal-imsemmi Artikolu 3(2). L-istess jista' jingħad, b'mod partikolari, għall-verżjonijiet ta' din id-dispożizzjoni fil-lingwi Griega, Taljana u Olandiża.

20 B'mod iktar preċiż, il-kliem ta' dawn il-verżjonijiet lingwistiċi kollha, salv għall-verżjoni bil-lingwa Spanjola, jindika li l-prodott fitofarmaċewtiku kkonċernat għandu jkun suġġett għal evalwazzjoni mill-ġdid jekk is-sustanzi attivi kollha li jinsabu fih, assoċjati ma' dawk li jissemmew fl-anness tad-Direttiva 2008/69, li kienu ġew inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414 mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2008.

21 Għandu jitfakkar konformement għal ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, li l-kliem użat f'waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma jistax iservi bħala bażi unika għall-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jew jingħata, f'dan ir-rigward, prijorità fil-konfront tal-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra Fil-fatt, il-ħtieġa ta' applikazzjoni u, għalhekk, ta' interpretazzjoni uniformi ta' att tal-Unjoni, teskludi li dan l-att jiġi kkunsidrat b'mod iżolat f'waħda mill-verżjonijiet tiegħu, iżda tirrikjedi li dan l-att jiġi interpretat fid-dawl tal-istruttura ġenerali u tal-iskop tal-leġiżlazzjoni li tagħha tikkostitwixxi element (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-27 ta' Ottubru 1977, Bouchereau, 30/77, EU:C:1977:172, punt 14, u tas-17 ta' Marzu 2016, Kødbranchens Fællesråd, C-112/15, EU:C:2016:185, punt 36).

22 F'dan ir-rigward, huwa importanti, l-ewwel nett, li jirrileva li d-Direttiva 2008/69 daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2009. Madankollu, huwa inkompatibbli mal-qasam ta' applikazzjoni *ratione temporis* ta' din id-direttiva li jinterpreta l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(2) ta' din kif jeżiġu l-evalwazzjoni mill-ġdid, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, huma effettwati, jew li t-talbiet għal evalwazzjoni mill-ġdid korrispondenti jiġu ppreżentati, mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2008, jiġifieri, qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-imsemmija direttiva.

23 It-tieni nett, għandu jiġi rrilevat li l-premessa 7 tad-Direttiva 2008/69 tipprevedi terminu ta' sitt xhur, li minnu għandha ssir deroga għat-tressiq u l-evalwazzjoni tal-fajl sħiħ, previsti fl-Artikolu 3(2) ta' din id-direttiva. Dan it-terminu jibda jiddekorri, konformement għall-ewwel sentenza ta' din il-premessa, mill-inklużjoni ta' sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414, jiġifieri mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2008/69, li tipprevedi din l-inklużjoni. Billi din l-aħħar direttiva daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2009, il-premessa 7 tagħha tirreferi, għat-tressiq u l-evalwazzjoni tal-fajl sħiħ, previsti fl-Artikolu 3(2) tal-imsemmija direttiva, għal data wara t-30 ta' Ġunju 2009. Minn dan jirriżulta li d-data tal-31 ta' Diċembru 2008, imsemmija fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/69, ma jistax jikkostitwixxi t-terminu previst għall-evalwazzjoni mill-ġdid ta' prodott fitofarmaċewtiku, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

24 It-tielet nett, kif indikat il-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, għandu jsir riferiment għad-Direttivi 2008/66, 2008/70 u 2010/28, li, bħad-Direttiva 2008/69, jemendaw id-Direttiva 91/414 bil-għan li jiżdiedu sustanzi attivi fl-Anness I tagħha u li kull waħda minnhom fiha Artikolu 3(2) li huwa differenti mill-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/69 biss fir-rigward tad-data u fir-rigward tas-sustanza attiva jew sustanzi attivi li għalihom jirreferi. Madankollu, il-kliem tal-Artikolu 3(2), ta' kull waħda minn dawn id-direttivi, inkluż fil-verżjoni tagħhom fil-lingwa Spanjola, jikkorrispondi għall-kliem tal-verżjonijiet lingwistiċi tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/69, imsemmija fil-punt 19 ta' din is-sentenza, li minnu jirriżulta b'mod ċar li d-data prevista għal kull wieħed minn dawn l-Artikoli 3(2), jistabbilixxi id-data finali li fiha għandhom jiġu inklużi fil-lista li tidher fl-Anness I tad-Direttiva 91/414 is-sustanzi attivi kollha li jinsabu fil-prodott fitofarmaċewtiku li fih, barra minn hekk, waħda mis-sustanzi attivi elenkati fl-anness ta' kull waħda minn dawn id-direttivi, sabiex jinħoloq obbligu li jsir evalwazzjoni mill-ġdid ta' dan il-prodott.

25 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta li għandha tingħata lill-ewwel domanda hija li l-ewwel subparagrafu Artikolu 3(2), tad- Direttiva 2008/69 għandu jiġi interpretat fis-sens li d-data tal-31 ta' Diċembru 2008 li huwa jipprevedi, għal prodott fitofarmaċewtiku diġà awtorizzat, li jkun fih waħda mis-sustanzi attivi msemmija fl-anness ta' din id-direttiva, fid-data finali li fiha għandhom jiġi inklużi, fil-lista li tidher fl-Anness I tad-Direttiva 91/414, is-sustanzi attivi kollha li

jinsabu f'dan il-prodott fitofarmaċewtiku, barra dawk elenkati fl-anness tad-Direttiva 2008/69, sabiex jinħoloq obbligu li ssir evalwazzjoni mil-ġdid tal-imsemmi il-prodott f'dan l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(2).

Fuq it-tieni u t-tielet domandi

26 It-tieni u t-tielet domandi preliminari, huma bbażati fuq il-premessa skont liema d-data tal-31 ta' Diċembru 2008, prevista fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/69, tikkorrispondi għal terminu ta' tressiq ta' talba intiża sabiex titwettaq evalwazzjoni mill-ġdid ta' prodott fitofarmaċewtiku prevista f'din id-dispożizzjoni. Madankollu, mir-risposta għall-ewwel domanda jirriżulta li d-data inkwistjoni ma tikkorrispondix għal terminu bħal dan.

27 Minn dan isegwi li ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni u t-tielet domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju.

Fuq l-ispejjeż

28 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(2) Direttiva tal-Kummissjoni 2008/69/KE ta' l-1 ta' Lulju 2008 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE biex tinkludi l-clofentezine, dicamba, difenoconazole, diflubenzuron, imazaquin, lenacil, oxadiazon, picloram u pyriproxyfen bħala sustanzi attivi, għandu jiġi interpretat fis-sens li d-data tal-31 ta' Diċembru 2008 li jipprevedi prodott fitofarmaċewtiku diġà awtorizzat, li jkun fih waħda mis-sustanzi attivi msemmija fl-anness ta' din id-direttiva, fid-data finali li fiha għandhom jiġi inklużi, fil-lista li tidher fl-Anness I tad-Direttiva 91/414 Direttiva Tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, is-sustanzi attivi kollha li jinsabu f'dan il-prodott fitofarmaċewtiku, barra dawk elenkati fl-anness tad-Direttiva 2008/69, sabiex jinħoloq obbligu li ssir evalwazzjoni mill-ġdid tal-imsemmi prodott f'dan l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(2).

Firem